

Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

Il-5 Ħadd ta' l-Għid • Sena A • Id-39 Sena (2039) • 20 ta' April 2008

**Mill-Evanġelju ta' San Ġwann (Gw. 14, 1-12)**

F'dak iż-żmien, Ġesu qal lid-dixxipli tiegħu, "Tħallux qalbkom titħawwad! Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll. Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna agħmajjar; li ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu. U meta mmur u nħejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll. U t-triq għall-post fejn sejjer tafuha." Tumas qallu: "Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer. Kif nistgħu nafu t-triq?" Wieġbu Ġesù: "Jiena hu t-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux bija. Qallu Filippu: "Mulej, urina l-Missier, u jkun biżżejjed għalina." Ġesù wieġbu: "Ili daqshekk magħkom, u int, Filippu, u għadek ma għaraftnix? Min ra lili ra lill-Missier wkoll. Ma temminx li jiena fil-Missier u l-Missier fija? Il-kliem li ngħidilkom jien, ma ngħidux minn rajja, iżda l-Missier li jgħammar fija qiegħed iwettaq l-għemil. Emmnuni! Jiena fil-Missier u l-Missier hu fija. Fis-sewwa, fis-sewwa ngħidilkom, min jemmen fija hu wkoll għad jagħmel l-għemil li qiegħed nagħmel jien, u akbar minnhom għad jagħmel, għax jiena sejjer għand il-Missier.




**RIFLESSJONI :**

- Ġie li bħal Tumas staqsejt lil Ġesu' kif tista tkun taf it-triq għal għand l-Missier ?
- Naf tassew fejn jien sejjer ? Inżomm lil Ġesu' bħala it-Triq żgura ?
- Għandi xewqa bħal Filippu li nagħraf aħjar il-wiċċ tal-Missier ?
- Ġie li ħallejt qalbi titħawwad għax ma' emmintx biżżejjed f'Ġesu' ?
- Gie li jien bħala ġebla ħajja fil-binja tal-Knisja kelli mumenti li caqalquni u ħassejtni m'inhiex f'posti ?
- Tikkonslani l-kelma ta' Ġesu' li mar iħejjili post fid-dar tal-Missier biex inkun fejn ikun Hu ?
- Tisthoqli ċ-canfira li għamel Ġesu' lil Filippu, għax għadni m'għaraftux biżżejjed ?



# Papa Benedittu XVI

**Id-19 ta' April 2008 jaħbat it-tielet anniversarju mill-ħatra bħala Papa ta' Benedittu XVI**, waqt li fl-24 ta' l-istess xahar jaħbat l-anniversarju mill-bidu tal-Pontifikat tiegħu.

Bħala wlied spiritwali tiegħu, bil-għajnejn tal-fidi, naraw fih aktar minn teologu magħruf, minn bniedem b'moħħ miftuħ li jaf tajjeb il-qagħda tad-dinja ta' żmienna, jew minn awtorita' morali qawwija u rispettata fid-dinja. Il-Papa, l-Isqof ta' Ruma

- huwa s-suċċessur ta' San Pietru;
- huwa prinċipju li jibqa' sa l-aħħar u li jidher kif ukoll pedament ta' l-għaqda li torbot flimkien l-isqfijiet u l-kotra ta' dawk li jemmnu;
- juri fih bl-ogħla mod l-għaqda tal-Knejjes partikulari mal-Knisja waħda;
- hu garanzija tal-liberta' tal-Knejjes partikulari;
- jgħallimna l-verita' li rridu nemmnu, u b'mod infallibbli meta jitkellem *ex cathedra*;
- jurina l-imħabba li rridu ngħixu, l-hena li rridu nittamaw.

Inkunu minn ta' l-ewwel li nwettqu dak li jgħallimna waqt li niftakru fih ta' kuljum fit-talb tagħna.

*Dun Edward Xuereb, Kappillan tal-Parrocca ta' l-Ghasri*

## *Jistgħu jinteressawk*

**Illum, il-Ħadd 20 ta' April:**
fil-knejjes kollha ssir il-ġabra għall-karita' tal-Papa (Obolo ta' San Pietru).

*gozopress • 21551534*

## *It-Talba tal-ġimgħa*



*Agħti, O Mulej, dehen u qawwa lill-Missier tagħna Benedittu XVI biex ikompli jmexxina fit-triq tiegħek.*